**30 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallef:-**

## Onor. Frank G. Camilleri LL.D.

Charles u Veronica konjuġi Attard

*versus*

Pierre Mangion

## Danni - Inċident Awtomobilistiku

*Il-Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi għal dikjarazzjoni u kundanna ta' responsabbiltà tal-konvenut għaliex sabet illi l-inċident ġara unikament tort ta' l-attur.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi li biha, wara li ppremettew:

Li, fis-6 ta' Ottubru, 1995, waqt li l-istanti Charles Attard kien isuq karozza, Mercedes nru. I-3182 f'Ħal Lija, din sfat involuta f'ħabta ma' Landrover nru. I-4964 u ġarrbet ħsarat;

Li għall-inċident kien jaħti l-konvenut minħabba mprudenza, negliġenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti;

Li, in segwitu għall-inċident, huma soffrew danni fl-ammont ta' sitt mija u disa' liri u sittin ċenteżmu;

Li l-konvenut qed jiċħad ħtijietu bħala sewwieq tal-Landrover;

Talbu li l-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjarah responsabbli għall-inċident imsemmi u għad-danni li, b'riżultat ta' l-istess, soffrew l-istanti;

Tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm609.60c, jew somma verjuri, li tillikwida din il-Qorti, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;

Tikundannah iħallas lill-istanti l-ammont hekk iddikjarat u llikwidat bħala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjeż, kompriżi Lm11.50 ta' konsult u ittra (*fiscal receipt* 2243 108) u dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-lum *lill*-assikuraturi tal-konvenut (Dr. Remigio Zammit Pace *noe*) *ai termini* tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-imgħax minnotifika ta' dana l-att kontra l-konvenut li hu nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u n-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa;

Illi l-kolliżjoni ġrat unikament tort ta' l-attur li kellu l-vettura Mercedes I-3182 minnu misjuqa esposta għal fuq Triq il-Mosta, u għalhekk meta l-eċċipjent mexa kemm kemm lateralment wara li ġie mrassas minn vettura oħra, huwa kien kostrett japplika l-*brakes* minħabba l-posizzjoni tal-vettura ta' l-attur. Li kieku l-vettura ta' l-attur ma kintx hekk esposta, allura l-kolliżjoni ma kinitx isseħħ peress illi l-vettura misjuqa mill-

eċċipjenti kienet tibqa' għaddejja regolarment;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u n-nota tax-xiehda tal-konvenut;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Eżaminat id-deposizzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Li l-inċident stradali in kwistjoni ġara fi Triq il-Mosta, Ħal Lija, eżattament fl-inħawi fejn hemm il-fabbrika ta' Hal Mann u Kind's Showroom;

Jirriżulta li l-attur, li kien qiegħed isuq il-Mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni l-3182, ħareġ minn Kind's Showroom u waqaf ħdejn il-fabbrika ta' Hal Mann biex jesplora t-triq qabel ma joħroġ fuq il-*main road*, u hekk kif kien f'din il-posizzjoni strazzjonarja saret il-ħabta mal-Landrover bin-numru tar-reġistrazzjoni l-4964, li kienet qiegħda tinsaq mill-konvenut fid-direzzjoni tal-Mosta;

Fil-kopja ta' l-okkorrenza li tinsab esebita (dok. FGC1 - fol. 31), dan l-inċident ġie *deskritt mill-kontendenti b'dan il-*mod:

"Charles Attard, is-sewwieq tal-vettura 3182, *qal li waqt li* kien ħiereġ minn triq fil-ġenb, minn ħdejn l-entratura ta' Hal Mann tiles facotry, kif wasal ma' Triq il-Mosta, Ħal Lija, waqaf biex jesplora t-triq meta f'daqqa waħda minn fuq in-naħa tal-lemin tiegħu, telgħet il-Landrover bi *speed* qawwi u minħabba vettura oħra kellu jiġbed lejn ix-xellug biex jiskansa ħabta u

ħabat miegħu. L-akwata fejn saret il-ħabta wieħed jista' isuq b'40 m.f.s.;

Pierre Mangion qal l-istess li biex jiskansa ħabta ma' vettura oħra li kienet qed tinsaq mal-ġenb tiegħu, fejn ġibed lejn ix-xellug u bbrejkja u ħabat ma' vettura. Ma deħrux li sar ksur ta' regolamenti tat-traffiku u ż-żewġ naħat ser jirranġaw dwar il-ħsara";

Din l-okkorrenza ġiet ikkonfermata mis-Surġent li rridiġieha fl-udjenza tas-16 ta' April, 1997, meta dan kien ġie prodott bħala xhud mill-atturi;

Jingħad ukoll illi ħadd mill-kontendenti mhu qiegħed jikkontesta l-eżattezza ta' l-*isketch* tal-Pulizija, li tinsab ukoll ikkonfermata mill-istess Surġent li nvestiga l-każ;

Ikkunsidrat:

Li, għalkemm l-attur allega li l-konvenut kien ġej bi *speed* qawwi, madankollu, dan l-element ta' *speed*, ma reġax issemma' waqt it-trattazzjoni tal-kawża u anke kieku reġa' ġie ppuntwalizzat, il-*brakemarks* ta' disa' (9) metri mhumiex indikazzjoni ta' *speed* eċċessiv, meta wieħed jikkunsidra li dawk l-inħawi deċiżament mhumiex *a built-up area* u li, għalhekk, huwa permess sewqan ta' 40 m.f.s.;

Din il-Qorti, għalhekk, hi tal-fehma li la darba huwa eskluż l-element ta' *overspeeding* da parti tal-konvenut, id-deċiżjoni dwar ir-responsabbilità għandha tasal għaliha in bażi għall-*isketch* tal-pulizija li, kif ġà ntqal, hemm qbil dwarha bejn il-partijiet in bażi ukoll għal dak li jinsab rrapportat *a tempo vergine* fl-okkorrenza;

M'hemmx dubbju li l-attur ghamel sewwa meta waqaf biex jesplora t-triq qabel ma johrog fuq il-*main road*, billi dan huwa regolament tat-traffiku mill-iżjed bażilari. Dak li ma jidhirx li kien prudenti, però, huwa l-fatt li biex jaqdi dan l-obbligu tant bżonnjuż għaċ-ċirkolazzjoni benordinata tat-traffiku, huwa nkorra ruhu fi ksur lampanti ta' regolament iehor tat-traffiku, daqstant iehor importanti u bażilari, li hadd m'ghandu jostakola lill-utenti tat-triq milli jittransitaw liberament u minghajr ebda xkiel;

Jidher ċar li l-attur meta ppożizzjona ruhu biex jesplora t-triq, sporġa l-Mercedes aktar milli kien imiss fuq il-*main road*, u b'hekk ostakola l-Landrover tal-konvenut b'mod li, ghalkemm dan żamm il-*brakes*, il-habta bejn l-istess Landrover, li indubbjament kellha d-dritta bhala utenti tal-*main road*, u l-vettura ta' l-atturi ma setghetx tiġi evitata;

Jista' forsi jiġi objettat illi l-konvenut kien messu ra dak li kien *in full view* u ghafas il-*brakes* tempestivament biex jevita l-habta mal-Mercedes. Dan, però, kien ikun possibbli biss kieku ma kienx il-każ, kif xehed il-konvenut, li kellu jiġbed lejn ix-xellug ghaliex kien hemm karozza li kienet qieghda tinsaq *abreast* mieghu u hekk kif ra l-Mercedes fil-posizzjoni li kienet ghafas il-*brakes*;

Dan hu każ, ghalhekk, fejn il-konvenut sab ruhu li kellu jiġbed kemm kemm lejn ix-xellug biex ma jmissx mat-terz injot, iżda l-*causa causans* ta' l-inċident li segwa ma kinitx il-vettura ta' dan iżda l-ostakolu li sab ma wiċċu fil-forma tal-Mercedes ta' l-atturi;

Kjarament, ghalhekk, id-difiża tal-konvenut mhix dik ta' l-eghmil kolpuż da parti tal-persuna injota iżda dik li hu ma jahtix ghall-inċident li ġara minhabba htija imputabbli unikament lill-

attur - difiża li din il-Qorti qiegħda taċċetta pjenament;

Kwindi, il-kawżali taċ-ċitazzjoni li l-inċident in kwistjoni ġara minħabba li l-konvenut kien negliġenti u imprudenti u b'hekk naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku baqgħet ma ġietx ippruvata u, konsegwentement, it-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi.